MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1824/2002

**Avviz Numru 1824/02 AJD**
**Enemalta Corporation**

**vs**

**Roads Group Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm872.75) rappresentanti danni kagunati f''cable' propjeta' tal-Enemalta u li jinsab fi Triq K. Galea kantuniera ma' Triq Notaile, Mriehel, fit-13 ta' Ottubru 2000.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Mejju 2002, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta'Dr. Anthony Vella, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm872.75) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Mejju 2002  ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**